MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32

It-Tnejn, 20 ta' Frar, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjorina Leanne Grech (LG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Herman Schiavone (HS) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal- Pubbliku: | (0) |

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina Amanda Vella | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 32.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

32.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji riċevuti.

## 32.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

32.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tat-tletin (30) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

32.2.1.1. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

32.2.2. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tal-wieħed u tletin (31) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

32.2.2.1. Il-Kunsilliera LG ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AC favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 32.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

32.3.1. Is-Sindku informa dwar Ċirkulari 6/2017 li tirrigwarda Allowance lill-Kunsillieri. Huwa żied jgħid li dak li ddeċieda dwaru il-Kunsill, jidher ċar li kien konformi mas-sentiment tal-leġislatur, u infatti huwa rifless f'din iċ-ċirkulari.

## 32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

32.4.1. Il-Kunsilliera LG għamlet reierenza għall-poster tal-Karnival, fejn irrimarkat li kien hemm il-ftehim waqt laqgħa tal-Kunsill li ser tagħmlu hi, u wara sar minn ħaddieħor. Hi rrimarkat li kienet laħqet lestiet l-ewwel abbozz b'użu tà ħin minn

tagħha, u lanqas biss kienet infurmata dwar dan il-bdil. Il-Kunsilliera LG staqsiet lis-Sindku min għamlu.

32.4.1.1. Is-Sindku wieġeb li għamlu hu.

32.4.2. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal Triq il-Port Ħieles u Misraħ San Ġorġ Preca. Huwa qal li Misraħ San Ġorġ Preca huwa kemxejn mudlam u *ż-zebra crossing* ma fihiex dawl. Hu informa li meta sar ix-xogħol minn Transport Malta, kellhom ilestu l-pajpijiet għas-servizzi u kellhom jibagħtu pjanta tà dawn. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk il-Kunsill irċeviex il-pjanta, u dwar il-possibbiltà li jiżdied id-dawl f'din iż-żona, billi jiġi rakkomandat fil-pjan tà riġenerazzjoni tà Birżebbuġa.

32.4.2.1. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ma rċeviex pjanti, u kif jaslu dawn, jibda ix-xogħol għall-*belisha lights*.

32.4.2.2. Is-Sindku ħa nota tas-suġġerimenti sabiex jiġu proposti fil-pjan tà riġenerazzjoni.

32.4.3. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal Triq il-Port Ħieles u staqsa min hu responsabbli għall-ħwat li hemm fiż-żona.

32.4.3.1. Is-Sindku wieġeb li dawn saru minn Transport Malta, iżda baqalhom xi modifikazzjonijiet fil-livelli, minħabba li l-ħamrija qed toħroġ il-barra mill-ħwat. Huwa informa li eventwalment, dawn jiġu responsabiltà tal-Kunsill.

32.4.4. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-possibbiltà li l-Kunsill jiffaċilita' l-proċess, jew saħansitra jagħmel hu, bust lil San Ġorġ Preca f'Misraħ San Ġorġ Preca.

32.4.4.1. Il-Kunsill qabel li jibdew il-preparamenti, madankollu ġie nnotat li ma jistax isir fil-preżent minħabba l-finanzi, sakemm ma jkunx iffinanzjat minn fondi li jiġu minn terzi.

32.4.5. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk kienx hemm ilmenti fuq it-*traffic lights* ta' Marsaxlokk minħabba li qed ikun hemm karozzi jistennew għal ħin twil fi Triq Għar Dalam, meta ma jkunx hemm vetturi ħerġin minn Marsaxlokk.

32.4.5.1. Is-Sindku informa li sar rapport lil Transport Malta.

32.4.6. Il-Kunsillier LG għamlet riferenza għal dwal tax-xatt u nnotat li qed ikun mitfi.

32.4.6.1. Is-Sindku informa li hemm problema fid-dwal u li fix-Xitwa jintfew tà spiss, madankollu l-Kunsill dejjem jieħu ħsieb li dawn jerġgħu jinxtegħlu

32.4.7. Il-Kunsillier SZ staqsa rigward il-Proġett Kapitali li proprju huwa rigward id-dwal tal-*Promenade*

32.4.7.1. Is-Sindku informa li l-Kunsill intgħażel mal-grupp tà din is-sena, madankollu għadu ma ġiex mogħti uffiċjalment il-fondi.

32.4.7.2. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk hux possibbli li nibdew il-proċess, u nirranġaw partijiet skont il-bżonn. Is-Sindku irrimarka li ser iressaq din it-talba lid-Dipartiment, sabiex b'hekk il-ħsarat li jridu jitranġaw ma jitħallsux mill-allokazzjoni diretta tal-Kunsill.

32.4.7.3. Is-Sindku ppropona li nelfrattemp, nitolbu lil Enemalta sabiex jitwaħħlu rifletturi mal-arbli eżistenti, fejn hu possibbli, biex b'hekk il-*Promenade* ikollha iktar dawl.

## 32.5 Rapporti

32.5.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 32.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

32.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 32.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**NB: 5.57pm - Il-Kunsillier HS talab li jkun skużat.**

32.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 02/17 li ġiet iċċirkulata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1 )

32.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

32.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-Petty Cash għal Jannar (Anness Dok A2), li ġie iċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie ikkunsidrat bħala moqri.

**NB: 5.59pm - Il-Kunsillier HS talab li jkun skużat.**

32.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AC u ssekondata mill-Kunsilliera LG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 32.8 Mozzjonijiet;

32.8.1. Mozzjoni bin-Numru 32.8.1, imressqa mill-Kunsilliera LG, bis-suġġett ikun *Bicycle Rack Funds. (Anness Dok B)*

32.8.1.1. Il-Kunsillier SZ issekonda l-mozzjoni.

32.8.1.2. Il-Kunsillier LG, spjegat il-mozzjoni.

32.8.1.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsilliera LG emendat il-mozzjoni sabiex il-postijiet issuġġeriti jiġu Il-Qajjenza, fejn il-*gazebos* tal-Bajja s-Sabiħa, f'Misraħ San Ġorġ Preca, u fejn il-mużew tà Għar Dalam

32.8.1.4. Il-Kunsillier SZ issekonda l-mozzjoni emendata.

32.8.1.5. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 32.9 Delegi tal-Kunsilliera;

32.9.1. Is-Sindku JC fakkar li huwa fir-responsabiltà tas-Sindku li jassenja d-delegi u r-responsabiltajiet, u ladarba inħatar Kunsillier ġdid, kien meħtieġ li jsiru xi aġġustamenti fid-delegi preżenti.

32.9.2. Is-Sindku għamel riferenza għal-lista tad-delegi proposti, imressqa qabel il-laqgħa, liema lista ġiet ikkunsidrata bħala moqrija. (Anness Dok C), u informa li dawn ser ikun b'effett mill-21 ta' Frar 2017.

## 32.10 Ambaxxatur lokali taż-żgħażagħ;

32.10.1. Is-Sindku innota kif l-attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill, tal-Ambaxxatur Lokali taż-żgħażagħ, ma kienetx dak mixtieqa.

32.10.2. Il-Kunsill innota li saru diversi tentattivi sabiex issir komunikazzjoni mal-persuna, madankollu, bla suċċess.

32.10.3. Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss, terġa' tiġi diskussa din il-materja.

**NB 6.22 pm Il-Kunsilliera JBD attendiet għal laqgħa.**

## 32.11 Offerti Pubbliċi;

32.11.1. Is-Sindku JC ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill id-dokument tal-Offerta proposta għas-Servizz tà Żamma u Manutenzjoni tà Latrini Pubbliċi.

32.11.1.1. Il-Kunsill innota li dan il-Kuntratt ser joħroġ għal sena waħda biss, l-kuntratt preżenti kien estiż sa 3 snin, hemm il-possibbiltà li l-latrini pubbliċi jiġu taħt l-M.T.A. u l-kuntratt preżenti għandu rati vantaġġużi. Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li tintalab l-approvazzjoni sabiex il-kuntratt eżistenti jiġi estiż b'sena.

32.11.1.2. Il-Kunsill qabel li f'każ li l-estensjoni ma tiġix aċċettata, tkompli tiġi diskussa l-materja.

32.11.2. Is-Sindku JC ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill id-dokument tal-offerta propost għas-Servizz tà Contracts Manager. Il-Kunsill qabel li tinħareġ l-offerta.

32.11.3. Is-Sindku JC fakkar li l-Kunsill kien qabel numru tà xhur ilu, li jikkunsidra alternattivi oħra fejn jidħlu kirjiet tà garaxxijiet għall-użu tal-Kunsill.

32.11.3.1. Il-Kunsill innota li minn riċerka li saret matul dawn l-aħħar xhur, ser ikun diffiċli jinstab garaxx wieħed kbir biżżejjed biex jakkomoda il-bżonnijiet kollha tal-Kunsill, u fl-eventwalita' li jinstab, il-kirja ser tkun relattivament għolja ħafna.

32.11.3.2. Il-Kunsill tkellem li dwar il-possibbiltà' li jinbena sular ieħor fuq il-binja tal-Kunsill, u s-sala tiġi trasferita fis-sular tà fuq, fl-istess waqt, is-sular li qed livell mat-triq, jiġi trasformat f'maħżen. Il-Kunsill Innota li skont il-Perit Cacopardo, tali sular biex ikun komplut m'għandux jaqbeż l-€20,000.

32.11.3.3. Is-Sindku rrimarka li nelfrattemp il-Kunsill għandu jikri garaxx tà daqs adegwat, sabiex jissostitwixxi l-garaxx iż-żgħir, minħabba li dan tal-aħħar huwa żgħir wisq, bi prezz għoli.

32.11.3.4. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera LG, sabiex titħassar id-deċiżjoni preċedenti li jitwaqqfu ż-żewġ kirjiet tal-garaxxijiet tal-Kunsill, u minflok, jibda x-xogħol preparatorju sabiex jinbena sular ieħor fuq il-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

32.11.3.5. Il-Kunsilliera JBD, ressqet mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier SZ, sabiex sakemm isir ix-xogħol tà bini, toħroġ sejħa tà interess għal kiri tà garaxx kif indikat f'punt 32.11.3.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 32.12 Career Day;

32.12.1. Is-Sindku JC fakkar li fix-xhur li għaddew, kienet ġiet diskussa din l-attività, u talab lil Kunsilliera LG sabiex tagħti aġġornament.

32.12.2. Il-Kunsilliera LG infurmat li saret il-laqgħa mal-organizzatur, fejn ġie determinat il-post, li huwa s-sala tal-iskola. Hija infurmat li l-Kunsill ser iħallas biss għas-sala u l-armar u l-*marketing*. Hija infurmat ukoll li l-Kunsill tà Marsaxlokk ser jingħaqad mal-Kunsill tà Birżebbuġa sabiex issir attività waħda, u b'hekk jinqasmu l-ispejjeż bejn iż-żewġ kunsilli.

32.12.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament mal-attività kif proposta.

## 32.13 Assikurazzjoni tal-Vettura tal-Kunsill.

32.13.1. Is-Sindku JC informa li saret riċerka fuq l-assikurazzjoni tal-vettura tal-Kunsill sabiex issir fuq bażi tà Full Comprehensive, hekk kif tindika ċirkulari 33/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

32.13.2. Is-Sindku JC irrimarka li dan ser jammonta għal madwar €500, filwaqt li l-vettura tal-Kunsill hija stmata €200. Huwa informa li ma tagħmilx sens li l-Kunsill iħallas din is-somma, li attwalment teċċedi l-valur tal-vettura, b'iktar mid-doppju.

32.13.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament li l-assikurazzjoni għandha tibqa kif inhi.

## 32.14 Talba għal struttura fil-Bajja s-Sabiħa;

32.14.1. Is-Sindku tkellem dwar it-talba għall-permess imressqa mis-Sur Noel Mallia sabiex issir struttura fil-Bajja s-Sabiħa fejn ikun jista' jerfa' umbrelel u *deckchairs* matul il-ġranet tas-sajf.

32.14.1.1. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament li is-Sur Mallia jingħata *no objection* sabiex titwaqqaf struttura temporanja, valida sa nofs

Ottubru 2017, bil-kundizzjonijiet preċedenti, jinġabu l-permess l-oħra neċessarji, u li titneħħa f'każ li l-Kunsill jitlob li jsir hekk.

## 32.15 Permessi fil-Bajja s-Sabiħa

32.15.1. Is-Sindku tkellem dwar it-talba għall-permess imressqa mill-Melita plc, sabiex iwettqu attivitajiet promozzjonali darba jew darbtejn fil-ġimgħa, fil-*promenade* tal-Bajja s-Sabiħa fit-tarf tal-*gazebos.*

32.15.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel fil-prinċipju, kemm-il darba l-permessi jiġu evalwati ġurnata b'ġurnata u dan sabiex ma jkunx hemm konflitt ma' xi attivitajiet oħra li jistgħu jinżammu fl-istess ġranet, partikularment dawk organizzati mill-Kunsill.

## 32.16 Applikazzjonijiet tà żvilupp.

32.16.1. Is-Sindku innota li matul dan ix-xahar kien hemm numru tà applikazzjonijiet varji, fosthom applikazzjoni li ġġib in-Numru PA 00193/17, u li tirrigwarda iktar żvilupp fil-piċċ tal-waterpolo.

32.16.1.1. Is-Sindku informa li saret laqgħa bejn ir-residenti, l-operaturi tal-istabbiliment tal-klabb tal-Waterpolo, u s-Segretarju Parlamentari. Huwa rrimarka li ġie sottolinat l-interess tar-residenti, mhux biss l-interessi kummerċjali, kif ukoll il-kwistjoni tà l-użu tà art pubblika u r-residenti.

32.16.1.2. Il-Kunsill innota li dan il-bini ħoloq kontroversja u rabja, speċjalment fejn qed ikun hemm ksur tà drittijiet, u ambjent li tkerrah, fosthom permezz tà *railings*, *units* tal-arja ikkundizzjonata, storbju, *light pollution,*, u issa b'applikazzjoni tà imwejjed u siġġijiet, u tinda kbira għal fuqhom.

32.16.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona fuq din l-applikazzjoni minħabba numru tà raġunijiet, fosthom, l-użu tà art pubblika li tmur kontra l-kuntratt.

## 32.17 Senjalazzjoni tat-traffiku.

32.17.1. Is-Sindku JC informa li fir-rigward tà Triq Sant' Anġlu ser jiġi ingaġġat *surveyor* ħalli jkun jista' jsir disinn għal immaniġġjar tà traffiku aħjar.

32.17.2. Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti fuq Triq il-Batterija, fejn qed tinħoloq konġestjoni, kif ukoll periklu minħabba li hija żewġ direzzjonijiet.

32.17.2.1. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil Transport Malta sabiex Triq il-batterija tiġi *one way* direzzjoni lejn Triq il-Fossili.

32.17.3. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru mirja tat-traffiku, bil-pizz ħalli ma jirriflettix ix-xemx, f'Dawret il-Qalb Imqaddsa, faċċata tà Triq Santa Katarina.

## 32.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

32.18.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.25 tà filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tnejn 20 tà Marzu 2017 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 20 ta' Marzu 2017.

| | |
|---|---|
| [Iffirmati] | [Iffirmati] |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |

It-Tlieta, 24 ta' Jannar, 2017

Mozzjoni:

# <u>BICYCLE RACK FUNDS</u>

Bħalissa għaddejja skema għall-***bicycle rack (Local Concils) Fund*** maħruġa mill-Ministeru għall-Finanzi, mehmuż ma din il-mozzjoni għandkom ukoll il-linji gwida.

Bħala post irid ikun prominenti, faċli li jintlaħaq u jsir użu minn dan l-ispazju u jekk hu possibbli ikun post għall-kenn mill-elementi (peró mhux neċessarju). Peress li issa approvajna l-iskatepark, huwa mistenni li l-użu tar-roti f'Birżebbuġa jiżdied. Il-fatt ukoll li l-promenade ta' Birżebbuġa (fix-xhur tas-Sajf) ikun ifrekwentat minn bosta nies, naħseb li tagħmel sens li nagħmlu *bike rack* fil-*promenade*, bħala area hemm bosta postijiet fejn wieħed jista' jsir, biss peró, nevalwaw l-aħjar post bħala loġistika. Postjiet oħra proposti huwa; il-*promenade* tal-Qajjenza u ħdejn Għar Dalam (xejn xen nippromovu wkoll it-*tourist trail*).

Leanne Grech

Kunsilliera – Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa

Proponent

## Installation of Bicycle racks within our towns and villages

Among the necessary measures to support bicycle transportation, facilities for bicycle parking stand out as both vital and simple. However, such facilities may go unused if it not installed properly and at the right location. Good bike parking installations should accommodate all types of bicycles.

Bicycle parking should be widely available and decentralised, so an abundant supply of bicycle parking near destinations will complements the inherent flexibility of bicycles as a mode of travel.

Short-term bike parking spaces should be visible from and close to the entrance served, and located along the building approach line; a 20 metre distance is a good benchmark. In case the short-term bike parking is to be used outside of daylight hours, it is important that the bike parking area be well lit.

The best location for a rack area is immediately adjacent to the entrance served but not in or immediately adjacent to service or loading areas. It is important to mention that bicycle racks should not be placed in such a way that they block the entrance or inhibit pedestrian circulation.

The rack must permit the locking of the bicycle frame and one wheel to the rack with a U-lock without the removal of the wheel, and must support the bicycle in a stable, upright position without damage to wheels, frame and components. Bicycle racks should be securely anchored to the ground using tamper-resistant hardware. Finally, the surface of the bicycle parking area should be finished so as to avoid puddles of water, mud and dust.

The bicycle rack should be made either from stainless steel or from hot dipped galvanised steel tubing.

It is important that capacity of facilities in in a given area are sufficient to encourage bicycle use. A minimum individual installation contains two racks accommodating four bicycles, for which the parking area required is four metres

in length, with a two meter space between the racks. If the bicycle rack area is located as an on-street corral, than the bicycle parking space is to be white box painted with flexible delineators and a wheel stop at the end of the corral installed. Larger installations. Higher capacity racks, or multiple installations should be used if space permits.

Such bicycle racks are suitable for installation near places such as shopping areas; schools and child care centres; religious facilities; entertainment buildings; sporting facilities; historical sites; medical clinics. Initially, the installation of two bicycle racks per targeted site will fulfil its purpose.

***Functional Specifications of racks***

The inverted U- Rack and Circular Rack both meet the following functional specifications:

- Support bicycles at two points of contact (preventing bicycles from falling)
- Allow locking of bicycle frames and wheels with U-locks
- Employ square tubes
- Offer a user friendly design
- Minimise maintenance costs (galvanised finish thereby resisting corrosion)
- Do not require lifting of the bicycle
- Provide secure mounting
- Offer visibility to pedestrians with a minimum height of 85 to 90 centimetres

***Rack material***

The racks are to be made of 5 centimetre (cm) square profile structural steel tubing with hot-dipped galvanised zinc finish.

The bicycle rack wall thickness should be at least 0.48 cm with flanges attaching the rack to the street that are 1 cm thick.

***Surface Mounting***

The bicycle racks are to be affixed to concrete surfaces or sub-surfaces but not to asphalt. Bolts and spikes are to be used to secure the bicycle racks to the

ground. Minimally, each flange should be affixed by a mushroom head spike and by one or two expansion bolts per rack leg.

***STANDARD BICYCLE RACK SPECIFICATIONS***

**Shape:** Circular Rack

**Rack Material:** **Hoop:** 5 cm x 5 cm by 0.48 cm wall square tube
Reference: EN 10210 Standard Specifications for Welded and Seamless Carbon
Steel Structural Tubing in Rounds and Shapes

**Flanges:** Two 13 cm x 15 cm flanges, 1 cm thick plate with three 1.5 cm mounting holes on each flange

**Rack Coating:** Zinc Coated (Hot-Dip Galvanized)
Reference: BS EN ISO 1461:2009 Standard Specifications for Zinc (Hot-Dip Galvanized) Coatings on Iron and Steel Products

**Dimensions:** **Rack Width:** 90 cm (to outside dimensions)

**Distance Between Flanges (centre to centre):** 46 cm

**Height:** 82 cm

**Alignment:** Hoop shall be laterally aligned within a range of tolerance of 2.5 cm, that is when hoop is laid flat, no part of the underside of the rack, except the flanges will rise higher than 2.5 cm off of the flat surface.

**Mounting:** Surface Mount

**Fasteners:** Per bike rack:

- Two 1.25 cm x 7 cm mushroom head spike, and
- Four 1.25 cm x 10 cm expansion threaded bolts

Fasteners shall be zinc plated carbon steel

**Welding:** All welding shall be done by experienced and qualified welders

***Long-term Bicycle Parking***

Long-term parking is designed to meet the needs of employees and students who use bicycles as their mode of transportation. These users will park their bicycles at their workplace on school grounds. In doing so, they leave their bicycles unmonitored for a period of several hours and hence they require security and weather protection that let them park their bicycle without unreasonable concern for loss or damage.

Long-term parking can take a variety of forms, and apart from bicycle racks, one can include a room within the workplace or school, a secure enclosure within a parking space area or a cluster of bike lockers. It is important that access to long-term parked bicycles be limited to individuals using such facility through user-supplied locks, keys and other smart card technologies.

The most important criteria when designing a bicycle cage or room, is that it be situated on the ground floor. The use of bicycle lockers is ideal since apart from securely protecting the bicycle, they offer space to leave the helmet, bags, shoes and clothing that one uses when using this mode of transport.

**The Schemes**

**A. Local Councils' Scheme**

Government is allocating funds whereby Local Councils are encouraged to come up with a plan to promote the use of bicyces as a means of transportation within their localities.

Strategic sites are to be chosen for the installation of bicycle racks and, in collaboration with the Bicycle Associations, eventually, the first cycling routes will eventually be planned.

Local Councils are to come up with a detailed plan on the whereabouts of installing bicycle racks and cycle routes within their community. Applications are to be sent to:

Board for the Bicycle Rack (Local Councils) Fund
The Ministry for Finance
Maison Demandols,
South Street
Valletta

# Delegi u Responsabiltajiet, B'Effett Mill 21 ta' Frar, 2017

| | | |
|---|---|---|
| **Joe Cutajar** | **Sindku** | |
| | Relazzjonijiet (Residenti u Media) | Kumitat Finanzi - Chairperson |
| | Relazzjonijiet Internazzjonali | Kumitat Kuntratti (Chairperson) |
| | Attivitajiet kollettivi fir-Raħal | Kumitat Infrastruttura (Chairperson) |
| | Ambjent u Tisbiħ (inkluz Playing Fields) | Rapprezentant - Reġjun |
| **Joe Baldacchino** | **Vici Sindku** | |
| | Anzjani | Kumitat Kuntratti (Deputat Chairperson) |
| | Sahha u Sigurta | Kumitat Finanzi (Deputat Chairperson) |
| | Relazzjoni mal-Water Services | Kumitat Infrastruttura (Deputat Chairperson) |
| | Byelaws | Rappreżentant GAL Xlokk |
| | Attivitajiet u Facilitajiet Sportivi | |
| **Josette Busuttil** | **Kunsilliera** | |
| | Attivitajiet Soċjali | Kumitat Finanzi (Membru) |
| | Il-Qasam Soċjali (jikludu s-Servizzi Soċjali) | |
| | Għaqdiet | |
| **Leanne Grech** | **Kunsilliera** | |
| | Edukazzjoni | Kumitat Kuntratti (Membru) |
| | Kultura U Wirt Storiku | |
| | Kwalita' u Drittijiet tal-Ġeneru | |
| | Persuni b'Abiltajiet Differenti | |
| | Fondi Ewropej | |
| | Zaghzagh | |
| | Magazine tal-Kunsill | |
| **Alex Caruana** | **Kunsillier** | |
| | Protezzjoni Civili | Kumitat Kuntratti (Membru) |
| | Widien | Kumitat Finanzi (Membru) |
| | Turizmu | |
| | Animal Welfare | |
| **Herman Schiavone** | **Kunsillier** | |
| | Komunita Kummercjali | Kumitat Kuntratti (Membru) |
| | Ġbir ta Skart | |
| | Trasport Pubbliku | |
| **Stanley Zammit** | **Kunsillier** | |
| | Dawl | Kumitat Progetti infrastrutturali (Membru) |
| | Infurzar u Ordni Pubblika | |
| | Ricerka u Zvilupp Sostenibbli | |
| | Traffiku | |